**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 169/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**

**Abdullah Hasso Alalo**

Illum, 06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Abdullah Hasso Alalo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 34092A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Frar, 2019, u fil-jiem ta' qabel, gewwa Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, iz-Zejtun:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan (Kap. 65A. (1) (a), (3);
2. Uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz ma tkunx sehh polza tal-assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni Kap. 104A. 3(1);
3. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat (licenzja);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-4 ta' Gunju, 2019, fejn il-Qorti, sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu sentenza ta' prigunerija ta' xahar u, a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza ta' prigunerija ma ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul perjodu ta' sena, l-akkuzat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Fuq l-ewwel akkuza kkundannatu multa ta' €1,200. Ghat-tieni akkuza kkundannatu multa ta' €2,380 pagabbli fuq medda ta' 36 xahar b'effett mill-1 ta' Lulju, 2019.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Abdullah Hasso Alalo, pprezentat fid-19 ta' Gunju, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda iktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif spjegati.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u id-dokumenti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appell ntentat mill-appellant Abdullah Hasso Allalo huwa limitat għall-piena mposta fuqu mill-Ewwel Qorti illi fil-fehma tiegħu u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod specjali tal-ammissjoni minnu rregistrata fi stadju tant bikri, kienet, fil-fehma tieghu, indubbjament waħda eċċessiva. L-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tapplika l-provvedimenti imfassla fl-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar il-konkors tar-reati u pieni u dan meta ghaddiet biex timponi piena għal kull reat lilu addebitat.

L-appellant jigi mixli b'diversi infrazzjonijiet marbuta ma' reati tat-traffiku u dan meta saq vettura b'licenzja tas-sewqan iffalsifikata u minghajr polza ta'l-assikurazzjoni. Dan sehh meta nhar is-7 ta' Frar 2019 l-appellant wasal

gewwa l-għassa tal-pulizija taż-Żejtun, fejn hemmhekk kien qed jigi mitkellem fuq investigazzjoni ohra, b'vettura tal-għamla Opel bin-numru ta' reġistrazzjoni GAO883. L-appellant jammetti minnufih mal-pulizija li kien xtara din il-liċenzja falza mingħand Sirjan minn fuq l-Internet fi Frar 2018 ghall-prezz ta €150. L-appellant ghalhekk gie mixli bil-ksur tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-reat mahsub fl-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 kif ukoll ir-reat tal-falsifikazzjoni kkontemplat fl-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn iġorru piena rispettivament ta' multa li ma teċċedix €1200 jew ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sena kif ukoll l-iskwalifika tal-liċenzja għal żmien mhux inqas minn tmient ijiem skond is-subartikolu 15(3) tal-Kap.65 fir-rigward tal-ewwel akkuża, multa ta' mhux anqas minn €2329.37 u mhux iżjed minn €4658.75 jew priġunerija għal mhux iżjed minn tlett xhur jew multa u priġunerija flimkien fir-rigward tat-tieni imputazzjoni mahsuba fl-artikolu 3 tal-Kap.104 u priġunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur għal dak li jirrigwarda ir-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali.

Wara ammissjoni nkondizzjonata registrata mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti huwa gie misjub ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u kkundannat piena ghal kull reat separatament u cioe' dik ta' xahar priġunerija sospiża għal sena, multa ta' €1200 fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u multa ta' €2380 fir-rigward tat-tieni mputazzjoni, biex b'hekk din il-Qorti tifhem illi l-piena ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali get inflitta ghar-reat tal-falsifikazzjoni kif mahsub fl-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali. Huwa evidenti allura mal-ewwel daqqa t'ghajn illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tapplika dak dispost fl-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar il-konkors ta' reati u pieni. Mhux biss izda l-Ewwel Qorti naqset milli tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan li hija tassattiva skond kif mahsub kemm fl-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65, kif ukoll fl-artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan madanakollu illi din l-Qorti hija issa prekluza milli tapplika xi zieda fil-piena u dan skont dak mahsub fl-artikolu 428(7) tal-Kodici Kriminali.

Dan ifisser illi l-appellant ghandu ragun fl-appell minnu intentat billi l-Ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata meta ma applikatx dak il-mekkanizmu mahsub fil-ligi meta jissusisti l-konkors tar-reati kif imfisser fl-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali bl-uzu tal-licenzja iffalsifikata isservi bhala mezz ai fini tal-kummissjoni tal-infrazzjonijiet tat-traffiku u cioe' tas-sewqan ta' vettura minghajr licenzja valida ghat-triq u minghajr assikurazzjoni. Ghaldaqstant l-appell jisthoqqlu akkoljiment sabiex b'hekk ghandu jkun hemm aggustament tal-piena sabiex tinghata biss dik il-piena ghar-reat l-iktar gravi, bir-reat mahsub fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 igorr il-piena l-aktar gravi sa massimu ta' sena prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali tikkonfermaha ukoll fejn huwa gie ikkundannat ghal perijodu ta' xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, dan il-perijodu ta' prigunerija ghandu jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum. Tirrevokaha fil-bqija.

Twissi ghal darb'ohra lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Edwina Grima

Imħallef